# PAWLU CAMILLERI CAUCHI

Perit Chris Grech - President tas-Soċjeta

L-isem tal-pittur il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi ilu jissemma fil-qasam artistiku Malti għal madwar erbgħin sena - sewwasew minn meta stabilixxa ruħu fil-kamp tal-Arti Sagra lejn tmiem is-snin sittin.



*Chev. P. Camilleri Cauchi waqt xogħol ta' pittura fil-każin ta' San Gejtanu l-Ħamrun*

Pawlu Camilleri Cauchi twieled ir-Rabat, Għawdex, fit-2 ta' Diċembru 1940. Huwa l-iben il-kbir tal-mejjet il-Komm. Wistin Camilleri. L-iskulturi u statwarji Alfred u Michael huma ħutu. Beda t-taħriġ artistiku tiegħu fl-istudju ta' missieru. Fl-istess żmien li ħa l-edukazzjoni primarja u sekondarja studja l-Arti mal-Profs. G. B. Conti f'Għawdex u Profs. J Briffa, G Caruana u T. Busuttil f'Malta. Fl-1960 ingħata d-diploma tal-Press Art School mill-Profs. Percy V. Bradshaw u J. R. Holmes. Wara, bl-inkoraġġiment tas-Soċjetà Dante Alighieri f'Malta, kompla l-istudji tiegħu fl-Italja. Studja ġewwa Perugia u Firenze taħt professuri ta' fama fosthom Edgardo Abbozzo, Prinċipal tal-Akkademja; Prof. D. Donati, Maribelli u l-Profs. Avangardista Gerardo Dottori. Huwa esebixxa numru kbir ta' xogħlijiet tiegħu fil-Palazzo Comunale, sew f'wirjiet personali u anke kollettivi. Fl-1962 kien magħżul bħala l-aħjar student mill-Akkademja f'La Pineta di Cugnano.

Pawlu kellu u għad għandu kuntatt ma' ħafna artisti barranin. F'Ruma ħadem fil-parroċċa ta' Sta. Dorotea, fejn kien jgħix, u fil-bottega tal-Profs. Paolo Citraro. Fil-ħajja artistika tiegħu hemm ħafna dati importanti li sawru l-attività artistika tiegħu. Bejn l-1960 u l-1973 kien surmast tad-disinn fl-iskejjel primarji u sekondarji governattivi. Ħa sehem f'esibizzjonijiet lokali kif ukoll internazzjonali bħal f'Fermo, l-Italja, 1965 'Ignis Ardens' f'ġieħ Papa Ġwanni XXIII u J. F. Kennedy 1964, f'Tokyo, il-Ġappun. Irrapreżenta wkoll lil M.Y.C.C. Għen ħafna u kien imdaħħal f'għaqdiet soċjali u filantropiċi u fuq hekk ġie maħtur Kavallier tal-Ordni Aragoniża O.R.C.B. F'Novembru 1979 ingħata l-O.S.J. f'Ġerusalemm u f'Malta wara l-mewt ta' missieru.



*Santa Ċecilja*

Peress li ma setax jiddedika ruħu biżżejjed għall-Arti, ħass li kellu jitlaq ix-xogħol ta' għalliem. Dan kien sagrifiċċju kbir għalih u għall-familja tiegħu. Iżda b'hekk seta' jiddedika ħajtu għall-Arti - b'mertu għalih personali u għal pajjiżu.

Mill-aħħar tas-snin sittin beda jingħata xogħlijiet kbar fil-knejjes lokali. Dan jixhdu n-numru bla tarf ta' knejjes u kappelli li hu għana bl-Arti tiegħu. Saħansitra ġibed l-attenzjoni ta' barranin u l-kummissjonijiet kbar għall-esteru ma naqsux. Huwa impossibli li ssemmi x-xogħlijiet kollha tiegħu pero' biżżejjed iddur il-knejjes Maltin speċjalment fl-istaġun tal-festi. Ix-xogħlijiet tiegħu mhux biss insibuhom

f'forma ta' pittura mal-ħitan u s-soqfa tal-knejjes iżda wkoll dekorazzjonijiet fuq barra, posters, disinni għal opri fl-irħam, fl-injam, fil-fidda u saħansitra fid-deheb u rakmu. Ammont konsiderevoli ta' xogħol jinsab f'kollezzjonijiet privati litteralment imxerrdin mal-erbat irjieħ tad-dinja.

Camilleri Cauchi għandu s-sodisfazzjon li jgħid li huwa kien l-ewwel artist Malti li x-xogħlijiet tiegħu ingħataw lill-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II f'diversi okkażjonijiet. Huwa pittur imfittex ħafna mis-Salesjani kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. Fil-Knisja tas-Salesjani ta' l-EUR, ġewwa Ruma, għandu żewġ kwadri kbar. Għamel ukoll tliet kwadri kbar (5metri bi 3 metri), fil-knisja katidrali ta' Bova Marina – 'L-Immakulata'. Kien pitter ukoll żewġ kwadri 'pala d'altare' fil-parroċċa Sacro Cuore ġewwa Vomero, Napli. Personalitajiet importanti fil-ġerarkija tal-Knisja ukoll għandhom xogħlijiet tiegħu. Fl-1988 kien onorat bi trofew mill-'Ministero del Turismo' f'Ruma.

Fis-snin 2003/2004 ġie nominat u magħżul bħala membru fil-'The Contemporary Who's Who' ta' l-American Biographical Institute. Ġie nominat ukoll, did-darba mil-Governing Board of Editors of the American Biographical Institute, għall-unur prestiġġjuż 'Man of the Year 2004'. Fis-7 ta' Ġunju 2004 ngħata 'Ġieh il-Belt Victoria' mis-Sindku s-Sinjura Vivienne Galea Pace.

Ix-xogħol ta' Pawlu Camilleri Cauchi ma jonqosx ġewwa l-Mosta u wisq anqas ġewwa l-każin Soċjetà Filarmonika Santa Marija.



*Ritratt li juri l-abbozz tas-saqaf tas-sala tal-każin kif propost (Id-disinn ta' l-iskultura sar mis-Sur John Fenech)*





Fis-sena 2005, huwa ġie kkummissjonat minn Victor Grech, illum viċi-president tas-Soċjeta' biex jiddekora s-sala prinċipali tal-każin bl-inkwadru ta' Marija Ommna Mtellgħla s-Sema. Dan il-kwadru illum jinsab gawdut fis-sala prinċipali tal-każin mis-soċi kollha. Il-kummissjoni ristrutturar u tisbiħ tal-każin qed tkompli bil-ħidma tagħha biex fis-sena 2008, propju f'egħluq l-400 mitt sena parroċċa tal-Mosta, jiġi komplut is-saqaf tas-sala prinċipali billi ssir il-pittura mixtieqa f'dan is-saqaf flimkien mal-gwarniċa ndurata proposta. Għal dan il-għan ġie kkummissjonat il-kavallier Pawlu Camilleri Cauchi biex jagħmel appozz tal-pittura għal dan is-saqaf. Kienet ix-xewqa tal-membri tal-kazin illi s-suġġett tal-pittura ċentrali jkun jikkonsisti dwar il-konvoj ta' Santa Marija. Madwar din il-pittura proposta ċentrali ser isiru żewġt nofs tond kwadranti oħra li jikkonsistu jew f'anġli jżommu girlanda tal-fjuri u jdoqqu strumentini tal-mużika jew inkella nisa jissimbolizzaw l-allegrija. Flimkien ma dan kollu wieħed isib erba' kwadri tondi żgħar jikkumplimentaw dawn il-pitturi li jikkonsistu f'bukketti tal-fjuri. Dan l-abbozz illum jinsab ġewwa l-każin Santa Marija tal-Mosta għall-qalb il-membri tas-Soċjetà b'ħolma, li tiddependi biss fuq is-sostenituri tas-Soċjetà, biex dan l-abbozz isir realtà fis-sena 2008 meta l-Mosta tagħlaq 400 sena parroċċa.

Nistgħu ngħidu li bl-Arti tiegħu Pawlu Camilleri Cauchi għallem u influwenza lil ħafna pitturi ta' żmienna.